TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/136/23/S

Joseph Vella

vs

Mark Tanti

Illum 18 ta' Diċembru, 2024

It-Tribunal,

Ra t-talba ppreżentata minn Joseph Vella fl-1 t'Awwissu, 2023 u r-risposta ta' Mark Tanti ppreżentata fil-25 t'Awwissu, 2023;

Sema' lill-partijiet, ra d-dokumentazzjoni ppreżentata inkluż in-Noti ta' Sottomissjonijiet rispettivi;

Ikkunsidra

Illi din il-pendenza tirrigwarda prezz miftiehem illi skont ir-rikorrenti tbiddel wara li tlesta x-xogħol u żdied mal-kwotazzjoni verbali mogħtija, spejjeż illi skont ir-rikorrenti kienu inklużi fil-kwotazzjoni oriġinali;

Illi min-naħa tiegħu l-intimat ikkontenda illi l-ispejjeż ma setax ikun jafhom qabel u li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-prezz mitlub huwa wieħed normali u ġust;

Illi jingħad mal-ewwel li mhemmx kontestazzjoni li x-xogħol sar u sar mill-intimat, u jidher għax mhemmx kontestazzjoni dwar dan, li tali xogħol sar sew;

Illi n-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet huwa dwar €270 (mitejn u sebgħin Ewro), anzi inqas minn tali somma hemm is-somma ta' €86.51 (sitta u tmenin Ewro, u wieħed u ħamsin ċenteżmi tal-Ewro), spejjeż tal-ħadid li ma kienx inkluż fil-kwotazzjoni oriġinali u li però r-rikorrenti aċċetta li jitħallas, jiġifieri skont ir-rikorrenti l-ammont minnu dovut huwa ta' €356.51 (tliet mija, sitta u ħamsin Ewro, u wieħed u ħamsin ċenteżmi tal-Ewro);

Illi min-naħa l-oħra, l-intimat ippreżenta irċevuta maħruġa minn Penuel Hardware Store fl-ammont ta' €154.50 (mija, erbgħa u ħamsin Ewro u ħamsin ċenteżmi tal-Ewro), li turi diversi affarijiet relatati mat-twaħħil tat-tank ta' l-ilma;

Illi min-naħa tar-rikorrenti ma kienx hemm kontestazzjoni li dawn il-partijiet ma ntużawx fit-twaħħil tat-tank ta' l-ilma, iżda l-unika kontestazzjoni hija li tali somma hija inkluża jew kellha tkun inkluża fl-ammont tal-kwotazzjoni mogħtija ta' massimu ta' €300(tlett mitt Ewro);

Illi għalhekk l-ammont li mhemmx qbil dwaru huwa ta' ċirka €150 (mija u ħamsin Ewro);

Illi t-Tribunal jerġa' jtenni illi r-rikorrenti fl-ebda mument ma kkuntesta l-ammont ta' *parts* illi inxtraw u li huwa assunt li ġew użati fit-twaħħil tat-tank ta' l-ilma liema oġġetti inxtraw mill-ħanut Penuel Hardware Store;

Illi min-naħa l-oħra wieħed jifhem illi meta wieħed jagħti kwotazzjoni, wieħed ma jkunx ċert b'mod preċiż x'materjal se jkollu bżonn u kemm dan se jiswa;

Illi l-intimat baqa' mal-kwotazzjoni mogħtija ta' €300 (tlett mitt Ewro), għas-servizzi li huwa rrenda u li hemm apparti huwa l-prezz ta' materjal li bilfors irid jintuża għat-twaħħil ta' l-imsemmi tank;

Illi l-ammont ta' €150 (mija u ħamsin Ewro), mhijiex somma daqshekk kbira u hija riflessjoni ta' prezz raġonevoli għall-materjal li għandu bżonn jintuża fit-twaħħil tat-tank ta' l-ilma;

Illi ssir referenza minn kawża deċiża fit-28 ta' Marzu 2003, fl-ismijiet "**Accountant General vs Carmelo Penza noe**", fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk :
"*Kunsiderati flimkien l-offerta u l-aċċettazzjoni jikkostitwixxu negozju ġuridiku li hu l-bażi u s-sostrat tal-ftehim. Jekk l-offerta tirrivesti l-karattru ta' negozju unilaterali, l-aċċettazzjoni tagħha timmanifesta l-volonta' ta' l-aċċettant illi jgħaqqad dan il-karattru unilaterali ta' l-offerent ma' dak unilaterali tiegħu qua aċċettant u b'hekk jikkonkludi l-ftehim…*".

Illi għalhekk jidher minn dan ir-raġunament tal-Qorti illi l-proposta u l-aċċettazzjoni kemm jista' jkun iridu jkunu preċiżi, determinati u kompleti, ħaġa li fil-każ odjern ma kienx ċar fir-rigward tal-materjal użat, jekk hux apparti jew inkluż fil-kwotazzjoni oriġinali li ngħatat;

Illi dan it-Tribunal iħoss illi l-kwotazzjoni u l-ftehim oriġinali kien jinkludi l-kwotazzjoni dwar *il mano d'opera* ta' l-intimat u semmai jekk ir-rikorrent ried somma li tinkludi l-materjal ukoll, kellu jinsisti li jkollu kwotazzjoni approssimattiva qabel jinbeda' x-xogħol.

<u>Decide</u>

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba ta' Joseph Vella filwaqt illi Jilqa' l-eċċezzjonijiet ta' Mark Tanti, u b'dan illi kull parti tħallas l-ispejjeż rispettivi ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru